**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Erbgha 29 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 254/2018 JPG**
**Kawza Numru : 18**

**JB**

**Vs**

**U b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2018, gew nominati Dr. Simon Micallef Stafrace u PL Joeline Pace Ciscaldi bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil assenti LB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JB, datat 1 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fis-seba' (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), gewwa r-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta, skond kif jidher fi-certifikat taz-zwieg bin-numru ta' registrazzjoni X ta-sena 2015, illi kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u ezebita u mmarkata bhala Dok A.*

2. *Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-seba' (7) ta' Novembru tas-sena 2015, jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi stante il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien vizjat b'difett*

*serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, iz-zwieg tal-kontendenti ccelebrat nhar is-seba (7) ta' Novembru tas-sena 2015 huwa null u bla effett fil-ligi ghall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

4. *Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, iz-zwieg tal-kontendenti ccelebrat nhar is-seba (7) ta' Novembru (7) tas-sena 2015 huwa null u bla effett fil-ligi ghall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(c) stante li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

5. *Illi l-kontendenti izzewgu fis-seba (7) ta' Novembru tas-sena 2015, u il-konvenuta halliet Malta erba' xhur biss wara u cioe' fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), bl-iskuza illi kienet ser izzur lil binha gewwa l-Japan li kien ser jigradwa, bil-hsieb tirritorna lura fit-tmienja (8) ta' April. Ir-rikorrenti xtara biljett tal-ajru bir-ritorn ghal martu, kopja tieghu annessa u mmarkata bhala Dok B. Madanakollu hija qatt ma rritornat lura Malta.*

6. *Illi r-rikorrenti talab diversi drab li lill-konvenuta sabiex tirritorna lura fil-hajja mizzewga jew taghti spjegazzjoni ghal dan l-agir, madanakollu hija kienet vaga fir-risposti taghha u baqghet ma rritornatx.*

*Ghaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti nhar fis-sena (7) ta' Novembru tas-sena 2015 huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi.*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita ta' l-Att taz-zwieg Numru 3419 tas-sena 2015.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi il-kuratur Dr. Micallef Stafrace pprova jaghmel il-komunikazzjoni mal-intimata tramite ta' e-mail lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Filippini izda baqa' minghajr ebda risposta u ddikjara li f'dan l-istadju ma kellu ebda prova xi jressaq. (Vide fol 114);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**JB** xehed permezz t'affidavit a fol 45 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu gewwa r-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta fis-7 ta' Novembru 2015. Spjega li l-partijiet kienu saru jafu lil xulxin fuq tal-*internet* permezz ta' *chats* u kien ftehmu sabiex il-konvenuta tigi Malta. Kompla illi l-konvenuta kienet giet Malta ghall-perjodu ta' tlett gimghat fl-2012 u wkoll fl-2013 ghall-perjodu ta' tlett xhur. Zied li inizjalment il-hsieb kien li jizzewgu fit-tieni visita tal-konvenuta hawn Malta, izda mbaghad huwa kien iddecieda li jippreferi jistenna ftit, u ghalhekk kienu zzewgu fl-2015.

Xehed illi fl-ewwel sitt xhur taz-zwieg ma kien hemm l-ebda problemi, u f'dan iz-zmien huwa kien ghen lil konvenuta biex tkun tista' jkollha permess ta' residenti u tkun tista' tahdem. Qal li pero ghall-habta ta' Lulju/Awissu 2016 il-konvenuta kienet qaltlu illi kellha tmur il-Gappun sabiex tara lil binha jiggradwa u ghalhekk hu kien hallas sabiex il-konvenuta tmur il-Gappun ghal tlett gimghat shah. Spjega li hekk kif waslet il-Gappun, il-konvenuta bdiet tikkomunika mieghu mill-inqas u wara xi gimghatejn kienet qaltlu li ghandha bzonn idum aktar ma' binha ghaliex kellu bzonn l-ghajnuna taghha. Qal li minn naha tieghu hu kien offrielha sabiex binha jigi Malta maghhom biex ikun jista' jghinu hu wkoll. Xehed illi minn

dak iz-zmien il-konvenuta baqghat qatt ma rritornat Malta.

**SP** xehdet a fol 50 *et seqq* illi hija tigi bint l-attur. Spjegat illi xi sitt xhur wara li l-partijiet kienu zzewgu, il-konvenuta kienet telqet mill-pajjiz u qatt ma regghat giet lura, u li llum -il gurnata la hi u lanqas missierha m'ghandhom kuntatt maghha.

**Jairzinho Zammit** xehed a fol 52 illi l-konvenuta kienet applikat ghall-Exempt Status peress illi kienet mizzewga lill-attur, liema status kien jaghtiha drittijiet kwazi ugwali ghal dawk li jgawdi cittadin Maltin, inkluz dritt li tahdem.

**CM** xehdet a fol 54 *et seqq* illi l-attur huwa missierha. Spjegat li xi zmien wara li missierha kien izzewweg lil konvenuta, il-konvenuta kienet telqet minn Malta biex tmur tara lil binha u ma regghatx irritornat lura. Ziedet illi hi ma kellha l-ebda kuntatt mal-konvenuta minn dak iz-zmien.

**Mark Anastasi** xehed a fol 106 *et seqq* illi huwa *managing director* ta' agenzija ta' vjaggi u kkonferma illi l-konvenuta kienet xtrat biljett tal-ivvjagar bid-dati 17 ta' Marzu 2016 sa 31 ta' Marzu 2016, ghalkemm id-data ta' ritorn kienet imbaghad inbiddlet ghas-7 t'April 2016.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija azzjoni ghall-annullament taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fis-7 ta' Novembru 2015, ai termini tas-sub-incizi (d) (f) u (c) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta). Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita Filippina u qabel iz-zwieg tal-kontendenti kienet toqghod il-Gappun, filwaqt illi l-attur huwa ta' nazzjonalita Maltija u residenti Malti. Jirrizulta illi l-partijiet kienu ltaqghu tramite l-*internet* u kienu jitkellmu flimkien, ghalkemm ma jirrizultax ezattament meta ltaqu. Jirrizulta wkoll illi l-partijiet iltaqu fizikament l-ewwel darba fl-2012, meta l-konventa kienet giet Malta ghal tlett gimghat. Matul dawk it-tlett gimghat hija kienet toqghod mal-attur. Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta kienet regghat giet Malta, din id-darba ghall-perjodu ta' tlett xhur, fl-2013 u li dak iz-zmien il-partijiet kienu qed jahsbu biex jizzewgu. Skont ix-xhieda tal-attur pero, huwa kien iddecieda illi jippreferi li jistennew u jahsbuha ftit iehor qabel jiehdu l-pass li jizzewgu. Ghalhekk il-partijiet kienu eventwalment izzewgu f'Novembru tal-2015. Mix-xhieda mhux kontesta tal-attur jirrizulta illi kollox kien miexi tajjeb fiz-zwieg bejn il-kontendenti sakem il-konvenuta kienet marret lura l-Gappun f'Marzu 2016 sabiex tattendi ghall-gradwazzjoni ta'

binha. Jirrizulta, u dan huwa kkonfermat mill-fatt illi l-biljett tal-arju mixtri kien wiehed ta' ritorn, illi l-konvenuta kellha tigi lura Malta wara xi gimghat. Gara pero illi waqt li kienet il-Gappun il-konvenuta kienet qalet lill-attur li kellha bzonn iddum hemmhekk aktar milli previst, peress illi binha kellu bzonn l-ghajnuna taghha u jirrizulta illi l-konvenuta qatt ma rritornat lura hawn Malta, tant illi llum -il gurnata l-partijiet m'ghandhom l-ebda kuntatt ma xulxin.

Il-Qorti taghraf illi l-fatt li ma sarux eccezzjonijiet fuq il-meritu il-ghaliex l-kuraturi deputati ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-konvenuta ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-meritu tat-talbiet tar-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux jew le il-kawzali t'annullament moghtija mir-attur, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> **"*Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…*
>
> *In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…*"**

Dan ghaliex, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> **"*Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita mressqa mill-attur.

L-artikolu 19 (1) (c) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> **"*jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa.*"**

Fi-rigward ta' din il-kawzali, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Farrugia vs Joseph Farrugia** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Marzu 1995 illi:

> **"*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:***
>
> ***(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;***
> ***(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;***
> ***(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u***
> ***(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."***

Minn ezami tal-atti tal-kaz odjern, il-Qorti ma sabet xejn fil-provi prodotti mill-attur li jwassalha sabiex tirraviza fl-imgieba tal-konvenuta xi hjiel ta' qerq da parti taghha. Illi huwa assodat fil-gurisprudenza illi l-bona fidi hija prezunta u illi ghalhekk min jallega qerq da parti tal-konvenut ghandu l-oneru illi jressaq provi a sodisfazzjoni tal-konvinciment morali tal-gudikant illi dan l-qerq minnu allegat verament gie pperpetrat. Il-Qorti tqis illi f'din il-kawza, l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar xi qerq ipperpetrat mill-konvenuta.

Illi ghaldaqstant it-talba ghall-annullament ibbazata fuq l-artikolu 19 (1) (c) hija nfondata u

konsegwentement qed tigi respinta.

Il-Qorti tinnota illi iz-zewg kawzali l-ohrajn ta' nullita mressqin mill-attur huma dawk komtemplati fis-sub-inciz (d) u (f), illi skont il-gurisprudenza huwa talbiet kontradittorji. Il-Qorti taghraf illi din il-kontradittorjeta, ghalkemm ma twassalx ghan-nullita tal-azzjoni, ta' bilfors twassal sabiex dawn il-kawzali kontradittorji idghajjfu lil xulxin.[1] Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006:

> "***L-inkomplatibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.***"

L-artikolu 19 (1)(d) tal-Att ta Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi illi zwieg ikun null

> "***jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.***"

Rigward l-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit vs Zammit** citata aktar -il fuq:

> "***Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.***

[1] **Simon Cusens vs Romina Cusens,** Qorti Civili (Sezzjoni Familja) deciza 10 ta' Dicembru 2014.

***Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-***

***"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (Bersini. F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97.)"***

Fuq l-istess materja, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 illi:

"***Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.***"

Il-Qorti taghraf inoltre illi skont il-gurisprudenza, a bazi tat-taghlim ta' Bersini, tezisti presunzjoni fil-ligi illi kull min jilhaq l-eta statutorja huwa kapaci li jizzewwg u li ghalhekk jispetta min iqajjem il-kawzali prevista f'dan is-sub-inciz illi jressaq prova kontrarja sodisfacenti. Inoltre, il-livell ta' maturita jew immaturita tal-parti jrid jigi ipprovat fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaliex huwa l-mument tal-ghoti tal-kusens li huwa rilevanti fil-kuntest ta' kawza annullament u mhux dak li gara wara waqt iz-zwieg tal-partijiet. Kif intqal fis-sentenza **Cusens vs Cusens** citata aktar -il fuq:

> "***Il-ligi tipprezumi li kull min ghalaq is-sittax-il sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F'dan il-kaz ma irrizultax provat li l-attur jew il-konvenuta kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat. Huwa rilevanti l-fatt li meta l-partijiet izzewwgu huma kellhom 27 sena u 25 sena rispettivament u kellhom relazzjonijiet precedenti qabel ma bdew ir-relazzjoni taghhom.***"

Illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet kellhom cirka tlieta u hamsin (53) sena meta zzewgu. Iz-zewg partijiet kellhom relazzjonijiet precedenti, tant illi t-tnejn li huma kienu diga genituri ta' tfal maggorenni dak iz-zmien, u l-attur kien diga mizzewweg qabel. Illi inoltre, jirrizulta illi l-partijiet kienu ikkonsidraw illi jizzewgu fl-2013 izda iddeciedew, fuq inizjattiva tal-attur, illi jkun ahjar u akar prudenti illi jistennew ftit akar qabel ma jiehdu l-pass illi jizzewwgu, u fil-fatt kienu izzewgu xi sentejn wara fl-2015.

Tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni legali illi, fil-mument illi taw il-kunsens taghhom, il-partijiet kienu kapaci jizzewwgu u ma kienu afflitti minn l-ebda difett serju ta' diskrezzjoni skont kif previst fis-sub-inciz (d) tal-artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Illi l-atikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> "***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***"

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> "***Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta'***

> ***simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori.***"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED,** citata aktar il-fuq intqal:

> "***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***"

Il-Qorti hanwhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

> ***"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Therese Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 1999 gie ritenut illi:

> "***Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.***"

Il-Qorti rat illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvivenza tal-partijiet damet massimu ta' erba' xhur, minn Novembru 2015 sa Marzu 2016, meta l-konvenuta regghat irritornat lura l-Gappun u qatt ma giet lura. Il-Qorti rat ukoll illi mix-xhieda mhux kontestata tal-attur jirrizulta illi sa minn meta waslet lura l-Gappun l-konvenuta kien qed ikollha ftit kuntatt mal-attur, u dan fi zmien daqstant qrib taz-zwieg taghhom. Il-Qorti tqis illi ikkonsidrat dan kollu, l-imgieba tal-konvenuta f'qasir zmien wara z-zwieg tal-kontendenti twassal lil Qorti ghal konkluzjoni illi din ma kienetx semplici kwistjoni ta' inkompatibbilita ta' karattru jew xi kwistjoni illi ssuccediet wara z-zwieg u illi taghti biss lok ghal kawzali ta' separazzjoni. Il-Qorti tqis illi l-eskluzjoni effettiva tal-konvivenza, u sahansitra tal-kommunikazzjoni ftit xhur biss wara li gie kkontrattat iz-zwieg bejn il-partijiet, hija ndizju car tal-intenzjoni tal-konvenuta meta tat il-kunsens taghha illi teskludi elementi essenzjali tal-hajja konjugali.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi n-nullita taz-zwieg tal-kontendenti a bazi ta' din il-kawzali giet sufficjentement pruvata, u tisthoqq illi tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur, tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti nhar is-sebgha (7) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) huwa null a bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannota tali nullita tal-Att taz-Zwieg numru 3419 tas-sena 2015.**

**L-ispejjez ghandhon jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**